MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 988/2011

**David Xuereb noe**

**Vs**

**Claire Goodlip**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru 2011 fejn intalab illi l-konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lill-attur noe s-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin Ewro (€345) rapprezentanti pagament dovut minna bhala membru ta' *Savoy Gardens Block F Owners Association* ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni tas-*Savoy Gardens Block F Owners Association* ghas-sena elfejn u hdax, elfejn u tnax (2011/2012).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal- 15 ta' Dicembru 2011 u lanqas ghas-seduta tas-6 ta' Frar 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur noe s-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin Ewro (€345) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------